

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.7323 — Nordic Capital/GHD Verwaltung)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2014/C 227/14)

1. Fl-10 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Nordic Capital VII Limited ("Nordic Capital", Jersey), parti minn Nordic Capital Funds, fil-kapaċità tiegħu bħala sieħeb ġenerali għal u fisem Nordic Capital VIII Alfa, L.P. u Nordic Capital VIII Beta L.P., takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tal-impriża kollha GHD Verwaltung GesundHeits GmbH Deutschland ("GHD", il-Ġermanja) u tas-sussidjarji diretti u indiretti tagħha, permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Nordic Capital Funds: kumpanija tal-ekwità privata b'kumpaniji tal-portafoll attivi fl-Ewropa f'firxa wiesgħa ta' setturi, fosthom il-produzzjoni u l-bejgħ ta' ostromija u prodotti għat-trattament tal-injam.
- għal GHD: attiva fl-Ewropa fil-produzzjoni ta' prodotti tal-ostomija, farmaċewtiċi mħallta, il-provvista ta' servizzi ta' loġistika, il-bejgħ bl-ingrossa ta' tagħmir mediku u farmaċewtiċi u l-provvista ta' tagħmir mediku u ta' ċerti prodotti farmaċewtiċi fil-Ġermanja għal pazjenti li ma jkunux l-isptar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7323 — Nordic Capital/GHD Verwaltung, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").